MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 633/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond D'Anastas)**

**V**

**Antyhony Portelli ta' 44 sena bin Joseph u Josephine nee Grima imwieled Birkirkara fit-22 ta' Gunju, 1960, u residenti numru 99, Triq Santa Liena, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 458660 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Portelli li gie akkuzat talli fil-21 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara l-ikel waqt li kien il-Marsa li ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC

998 David Caruana liema persuna hija nkarigata skond il-ligi minn servizz publiku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dak is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'heb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PC 998 liema persuna hija nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens ta' l-istess akkuzat ghall-istess.

Rat l-ammissjoni bikrija tieghu li giet riaffermata.

Rat li giet verbalizzata apologija.

Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentjen.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------